MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 310/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Helen Bugeja**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Helen Bugeja ta’ 39 sena, mart Alfred u bint missier mhux maghruf u Lucia Azzopardi, imwield Pieta’ fl-1 ta’ Gunju, 1967 residenti 40, Triq San Pietru u San Pawl, Senglea u detentrici ta’ karta ta’ l-identita’ numru 222867M, u

*Omissis*

Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fit-28 ta’ Gunju, 2002 u fl-ahhar granet qabel dina d-data:

1. Forniet jew ipprokuriet jew offriet li tforni jew li tipprokura droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skont id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Ukoll talli kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinietx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienitx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-

Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101. tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mgt. Dr. Noel Cuschieri) fid-19.10.06.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordnalha thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda; rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tas-16 t'Ottubru, 2009 il-Prosekuzzjoni kienet talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Rat li minkejja li d-difiza giet moghtija l-fakulta li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet risponsiva hija naqset li taghmel dan

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni mhux fil-fatt kontestati:

1. Fiz-zmien tal-imputazzjonijiet, ir-ragel tal-imputata, Alfred *Bugeja*, kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.
2. L-imputata marret id-dar ta' hu r-ragel taghha, il-ko-imputat l-iehor *Omissis*, u talbitu jiehu karkur u xi lozor lir-ragel taghha l-habs.
3. *Omissis* ha dawn l-affarijiet kif ukoll xi loghob tal-playstation il-Facilita Korrettiva ta' Kordin, u hallihom fis-sezzjoni tad-debituri – dik is-sezzjoni fejn jithallew l-affarijiet ghall-prigunieri.
4. Mal-ewwel tfittxija, s-sezzjoni tad-debituri ma innutaw xejn, pero meta iktar tard il-karkur gie ezaminat bir-reqqa, mohbija gewwa fih sabu zewg boroz, suspettati li jikkontjenu eroina. Meta instabet id-droga *Omissis* kien lahaq telaq.
5. Fil-fatt, l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda illi dawn il-boroz kienu jikkontjenu d-droga eroina u l-purita kienet ta' 16%. Iz-zewg boroz kellhom piz, wahda ta' 1.53 grammi u l-ohra ta' 1.273 grammi, b'ammont totali ta' 2.805 grammi eroina.[1]
6. Kemm *Omissis* kif ukoll l-imputata gew arrestati. Minn tfittxija li saret fil-handbag tal-imputat instabu xi pilloli.[2]
7. L-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda illi l-pilloli li instabu fil-handbag tal-imputata ma kienux ikkontrollati bil-ligi, pero:

   *"(c) li fuq bicca foil, li giet immarkata bl-ittra b, instabu fuqha tracci tas-sustanza 6-Monoacetylmorphine. Is-sustanza 6-Monoacetylmorphine, li hija prodott tad-degradazzjoni tal-Herojina, mhiex kontrollata bil-ligi;*

   *(d) li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca foil li giet immarkata bl-ittra a ... ..."*[3]

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li kienet hi li tat il-karkur lil *Omissis* biex ittieh lir-ragel taghha li kien il-habs, pero innegat li hi kienet taf illi kien hemm id-droga mohbija fil-karkur. Ghalhekk, il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hija jekk l-imputata kellhiex ix-xjenza li kien hemm id-droga fil-karkur.

[1] Ara xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 76 tal-process, u r-rapport tieghu a fol. 42 tal-process.
[2] Ara xhieda tas-Supretendent Neil Harrison a fol. 69 tal-process.
[3] Ara rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 88 tal-process, u x-xhieda tieghu a fol. 82-83 tal-process.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skont il-gurisprudenza stabbilita, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[4] tat-22 ta’ Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *“Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b’mod li jkun hemm “ko-akkuzati” fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta’ dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali.”* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[5]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputata, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tax-xhieda u dikjarazzjonijiet tal-imputat *Omissis* fil-konfront tal-imputata, u dan ghaliex meta xehed il-ko-imputat *Omissis*, il-kaz tieghu kien ghadu mhux deciz.

L-imputata ghazlet li ma tixhidx u lanqas li tressaq provi in difeza. Il-fatt li instabet id-droga fil-karkur mhux kontestat, u fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li kienet hi li tat il-karkur lil *Omissis* biex itih lir-ragel taghha, fil-habs. Ghalhekk, il-Qorti trid tiddetermina jekk il-Prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali li meta l-imputata tat dak il-karkur lil *Omissis* dan kien fih id-droga mohbija fih, u li l-imputata kienet konsapevoli ta’ dan il-fatt.

Fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li hi ghandha permess tara lir-ragel taghha l-habs u fil-fatt kienet tmur tarah darbtejn fil-gimgha. Mistoqsija dwar ghaliex ma marritx hi bl-affarijiet il-habs, izda tathom lil *Omissis*, hija wiegbet li ma marritx ghax il-karozza taghha ma tahdimx tajjeb. Ghalhekk marret id-dar ta’ *Omissis* biex taghtihomlu. Incidentalment, il-Qorti tosserva li fil-waqt li l-imputata toqghod l-Isla, *Omissis* joqghod Bormla. L-imputata ma tispjegax kif marret mill-Isla sa’ Bormla, hux bil-mixi jew b’xi mezz tat-trasport.

---

[4] *Per* Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano.

[5] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta’ Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Brian Vella.**

Meta giet mistoqsija ghaliex ma marritx il-habs ma' *Omissis* sabiex tiehu l-affarijiet lir-ragel taghha, hija wiegbet *"Fredu* (ir-ragel tal-imputata) *qalli sabiex jehodhom Omissis."* Hi qalet ukoll li sakemm *Omissis* mar il-habs, hi baqghet id-dar tieghu, sakemm gie lura xi nofs siegha wara. Hi innegat li kienet hbiet id-droga gol-karkur.

Il-Qorti ssib din il-versjoni tal-fatti tal-imputata xejn konvincenti. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-ragel taghha qalilha biex ma ggibx il-karkur hi l-habs, imma biex jehodhom *Omissis*, u hi ma staqsietux ghalfejn, u l-fatt li hi ma marritx ma' *Omissis* u qaghdet tistennih id-dar tieghu, jindikaw b'mod car u univoku li l-imputata kienet konsapevoli li fil-karkur kien hemm id-droga, u hasbet li jekk tmur hi bih, l-ufficcjali tal-habs kienu se jaghmlu tfittxija iktar intensiva fuq il-karkur, milli jekk imur bih *Omissis*, u baqghet tistenna lil *Omissis* id-dar tieghu, sabiex tara jekk l-ufficcjali tal-habs kienux ser jindunaw bid-droga mohbija fil-karkur o meno. Din il-konkluzjoni tal-Qorti, hija iktar imsahha bil-fatt li fil-handbag tal-imputata instabu zewg bicciet ta' foil, wahda bi tracci ta' sustanza li hija prodott tad-degradazzjoni tad-droga eroina u l-ohra bit-tracci tad-droga eroina. Dan jista' jfisser biss li l-imputata abitwalment ikollha fil-pussess taghha id-droga eroina.

Ghaldaqstant, l-imputata ghaddiet id-droga mohbija fiz-zarbun lill-*Omissis*, sabiex fl-ahhar mill-ahhar din tigi mghoddija lir-ragel taghha, li kien prigunier.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet gew debitament ippruvati mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp penali.

It-tielet imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva ma gietx pruvata, stante li l-Prosekuzzjoni naqset li tezebixxi s-sentenza tal-Qorti relattiva.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet il-fedina penali xejn felici tal-imputata, li minnha jirrizulta li ghandha seba’ (7) kundanni minn dawn il-Qrati, li minnhom tnejn jirrelataw ma’ prostituzzjoni u erbgha ma’ pussess semplici ta’ diversi droga, *inter alia* d-droga eroina u d-droga cannabis.

L-ammont ta’ droga misjuba, cioe 2.805 grammi, ghalkemm wiehed jista’ jahseb li huwa ammont zghir mhux wiehed traskurabbli, u dan specjalment f’ambjent ristrett u maghluq bhal Facilita Korrettiva ta’ Kordin. Kif inhuwa risaput f’dan il-qasam id-dosa tipika tal-eroina hija ta’ 0.2 grammi, u ghalhekk mill-ammont ta’ droga misjub johorgu ghall-inqas erbatax (14)-il doza.

In oltre, il-Qorti ma tistax ma tharisx lejn ir-reati odjerni bhala reati ta’ certa gravita, peress illi d-dhul ta’ droga fil-habs mhux biss jikkostitwixxi ksur tal-ligi, izda jfisser *breakdown* fid-dixxiplina u fl-isforzi li jkunu qed isiru biex jigu mnedija programmi ta’ riforma u riabilitazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101, r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li issib lill-imputata mhux hatja tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra taghha, u qed tilliberaha minnha, issib lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u tikkundannaha ghal sentejn u disa’ (9) xhur prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannaha ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn Euro (€2,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6)

xhur minn meta jigi komunikat lilha l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati maghha ezebiti, taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------